

31990R3037

L 293/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.10.1990

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3037/90**  
**tad-9 ta' Ottubru 1990**  
**dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea**

IL-KUNSILL tal-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

B'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi, sabiex jiffunzjona, is-suq intern jirrikjedi livelli statistiċi illi japplikaw għall-ġbir, twassil u pubblikazzjoni ta' statistiċi nazzjonali u tal-Komunità sabiex l-impriżi, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-gvernijiet u l-operaturi kollha l-oħra fis-suq komuni jkunu jistgħu jiġu pprovduti b'informazzjoni statistika komparabbli u ta' min joqgħod fuqha;

Billi din l-informazzjoni hija neċessarja sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jagħmlu stima tal-kompetittività tagħhom, u utili għall-istituzzjonijiet tal-Komunità sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni ġusta;

Billi biss jekk l-Istati Membri jużaw klassifikazzjonijiet ta' attivitajiet illi għandhom x'jaqsmu ma klassifikazzjoni tal-Komunità ikun possibbli illi tiġi pprovduta informazzjoni integrata b'mezzi ta' min joqgħod fuqhom, b'ħeffa, bi flessibilità u b'livell ta' dettall meħtieġ għall-imaniġġjar tas-suq intern;

Billi għandu jkun hemm provvediment għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu, sabiex jilhqnu ir-rekwiżiti nazzjonali, li iżommu jew jinserixxu fil-klassifikazzjonijiet tagħhom nazzjonali subdiviżjonijiet addizzjonali bażati fuq il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej;

Billi il-kompatibilità internazzjonali ta' l-istatistika ekonomika tirrikjedi illi l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jużaw klassifikazzjonijiet ta' attivitajiet ekonomiċi illi għandhom x'jaqsmu direttament mal-Klassifikazzjoni ta' l-iStandard Industrijali tan-Nazzjonijiet Uniti (ISIC);

Billi l-użu tal-klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità jirrikjedi li l-Kummissjoni tiġi assistita mill-Kumitat għall-Programm Statistiku stabbilit b'Deċiżjoni 89/382/EEC, Euratom <sup>(4)</sup> dwar kwistjoni li għandha x'taqsam ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-interpretazzjoni ta' dik il-klassifikazzjoni, ta' emendi żgħar magħmula lilha, tal-kitba u aġġornament ta' noti esplanatorji u tat-twaqqif ta' gwidi għall-klassifikazzjoni ta' oqsma statistiċi skond il-klassifikazzjoni in kwistjoni;

Billi huwa ta' importanza kbira illi l-kontenut tal-kategoriji varji ta' klassifikazzjoni ta' l-attivitajiet ġewwa l-Komunità Ewropea jiġi interpretat uniformament fl-Istati Membri kollha;

Billi l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni ġdida tirrikjedi perjodu ta' transizzjoni,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Il-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jstabilixxi klassifikazzjoni komuni statistika dwar attivitajiet ekonomiċi fi ħdan il-Komunità Ewropea sabiex tiġi żgurata komparabilità bejn klassifikazzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità u b'hekk bejn l-istatistiċi nazzjonali u dawk Komunitarji.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-użu ta' klassifikazzjonijiet għal skopijiet statistiċi.

3. Dan ir-Regolament ma jobligax per se lill-Istati Membri li jiġbru, jipubblikaw jew jagħtu informazzjoni u ma jikkonċernax obligazzjonijiet fir-rigward tal-livell u it-tip ta' dettall tal-kejl statistiċi illi għandhom jintużaw fl-istħarriġ u fl-analiżi statistika.

<sup>(1)</sup> ĠU C 58, tat-8. 3. 1990, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU C 175, tas-16. 7. 1990, p. 84, u d-Deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 1990 (għad mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 182, tat-23. 7. 1990, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 181, tat-28. 6. 1989, p. 47.

*L-Artikolu 2*

1. Bażi komuni għall-klassifikazzjonijiet statistiċi ta' attivitajiet ekonomiċi fi ħdan il-Komunità Ewropea, hawn iżjed il-quddiem imsejħa n-"NACE Rev. 1", qed tiġi hawn imwaqqfa, u tikkonsisti f':

- l-ewwel livell illi jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi alfabetiku (taqsimiet),
- livell intermedju li jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi alfabetiku ta' żewġ karattri (sotto-taqsimiet),
- it-tieni livell illi jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku ta' żewġ numri (diviżjonijiet),
- it-tielet livell illi jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku ta' tliet numri (gruppi),
- ir-raba' livell illi jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku ta' erba numri (klassijiet).

2. NACE Rev. 1 qed jiġi anness ma' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 3*

1. NACE Rev. 1 għandu jiġi użat mill-Kummissjoni għall-istatistiċi kollha illi huma ikklassifikati b'attivitajiet ekonomiċi.

2. L-istatistiċi ta' l-Istati Membri illi huma ikklassifikati b'attivitajiet ekonomiċi għandhom jiġu ikkumpilati billi tintuża n-NACE Rev. 1 jew klassifikazzjoni nazzjonali illi tiġi minnha u illi timxi mar-regoli segwenti:

- (a) il-klassifikazzjonijiet nazzjonali għandhom ikollhom il-livelli illi jikkorrispondu ma' dawk tal-NACE Rev. 1, fis-sens illi kull livell għandu jikkonsisti jew fl-istess intestatura ta' dawk korrispondenti tal-NACE Rev. 1 jew f'intestaturi illi jikkostitwixxu ta' qsimiet preċiżi tiegħu;
- (b) livelli addizzjonali jistgħu jiġu introdotti;
- (c) kull wieħed mill-livelli, ħliet l-ogħla, għandhu jizjed eżattament sal-livell l-ieħor illi jmiss tal-NACE Rev. 1;
- (d) il-kodifikazzjoni tista' tkun differenti.

3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, għall-approvazzjoni tagħha qabel ma jiġu ppubblikati, l-abbozzi illi jiddefenixxu jew jimmodifikaw il-klassifikazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tara illi dawn l-abbozzi jkunu konformi mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-klassifikazzjoni nazzjonali approvata mill-Kummissjoni għandha tiġi mgħoddijja lill-Istati Membri l-oħra għall-informazzjoni. Il-pubblikazzjonijiet ta' l-Istati Membri għandhom jinkludu skeda b'korrelazzjoni bejn klassifikazzjonijiet nazzjonali u l-NACE Rev. 1.

4. L-Istati Membri illi jixtiequ jużaw klassifikazzjoni idderivata mill-NACE Rev. 1 għandhom jaddottaw mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992, il-miżuri neċessarji sabiex titwaqqaf klassifikazzjoni nazzjonali skond dan l-Artikolu.

*L-Artikolu 4*

Flimkien mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, fil-każ ta' inkompatibilità bejn ċerti pożizzjonijiet tal-NACE Rev. 1 u l-istruttura ekonomika nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lill-Istati Membri illi jużaw f'ċertu livell, aggregat ta' pożizzjonijiet tal-NACE Rev. 1 f'settur speċifiku.

Sabiex tinkiseb din l-awtorizzazzjoni, l-Istat Membru ikkonċernat għandhu jipprova lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tilqa' t-talba tiegħu.

Madankollu, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2)(a), din l-awtorizzazzjoni ma tagħtix il-jedd lill-Istat Membru ikkonċernat illi jissuddividi l-intestaturi aggregati b'moġħod differenti mill-NACE Rev. 1.

Il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istat Membru ikkonċernat, tirvedi perjodikament l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tivverifika jekk għadhomx iġġustifikati.

*L-Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tiegħu il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tassigura l-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tal-NACE Rev. 1.

*L-Artikolu 6*

Il-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, u wara li tikkonsulta mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-NACE Rev. 1.

*L-Artikolu 7*

Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat tal-programm Statistiku, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

*L-Artikolu 8*

Il-Kumitat jista' jeżamina kwalunkwe mistoqsija illi tikkonċerna l-NACE Rev. 1 magħmula mill-president tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru, illi għandha effett fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward ta':

- (a) interpretazzjoni tal-NACE Rev. 1;
- (b) inkorporazzjoni ta' emendi żgħar lill-NACE Rev. 1:
  - imfassla sabiex jiġu kkunsidrati żviluppi teknoloġiċi jew ekonomiċi,
  - imfassla sabiex it-test jiġi imqabbel u ikkjarifikat,
  - li jirriżultaw minn emendi magħmula lill-klassifikazzjonijiet oħra ekonomiċi, b'mod partikolari l-ISC Rev. 3;

- (c) preparazzjoni u kordinament ta' xogħol ta' revizzjoni ta' NACE Rev. 1;
- (d) kitba u aġġornament ta' noti esplikattivi tal-NACE Rev. 1;
- (e) elaborazzjoni ta' gwidi għall-klassifikazzjoni ta' kejl statistiċi skond l-NACE Rev. 1;
- (f) eżami ta' problemi ġejjin mill-implimentazzjoni tal-NACE Rev. 1 fil-klassifikazzjonijiet ta' l-attivitajiet ekonomiċi ta' l-Istati Membri;
- (g) fil-prova sabiex tiġi ppreparata, kif xieraq, posizzjoni komuni illi tikkonċerna ix-xogħol ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali dwar klassifikazzjonijiet ta' attivitajiet ekonomiċi, speċjalment l-ISC u in-noti esplikattivi tagħha.

Il-miżuri li għandhom jittieħdu taħt l-(a) sal-(g) għandhom jiġu addottati skond il-proċedura spjegata fl-Artikolu 9.

#### L-Artikolu 9

1. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu addottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fiż-żmien li l-President jista' jistipula skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tiġi formulata mill-maġġoranza prevista mill-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-kas ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa mitlub li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom jiġu mqasma fil-mod spjegat f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

2. Il-Kummissjoni għandha taddotta il-miżuri, li għandhom japplikaw immedjatament. Madankollu, jekk dawk il-miżuri mhumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat, għandhom jiġu kkommunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hija ddeċidiet dwarhom għal tliet xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni.

3. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza ikkwalfikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 2.

#### L-Artikolu 10

1. Statistika miġbura wara l-1 ta' Jannar 1993 mill-Istati Membri kollha u li tinvolvi klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomika, għandha

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

P. ROMITA

tiġi kkompilata bl-użu tal-NACE Rev. 1 jew bl-użu ta' klassifikazzjoni nazzjonali mnissla minnha in konformità mal-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw l-NACE Rev. 1 sabiex jagħddu lill-Kummissjoni statistika miġbura wara l-1 ta' Jannar 1993 ikklassifikata skond l-attivitajiet ekonomika.

#### L-Artikolu 11

1. Għandu jkun hemm perjodu ta' transizzjoni illi jibda mill-1 ta' Jannar tas-sena 1993 u li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 1994. Waqt dan il-perjodu il-Kummissjoni tista', fil-każ ta' ċertu informazzjoni miġbura wara l-1 ta' Jannar tas-sena 1993, t'awtorizza Stat Membru, fuq il-bażi ta' raġunijiet tekniċi jew operattivi issostanzjati b'mod xieraq, li juża klassifikazzjoni differenti minn dik ipprovduta skond l-Artikolu 3.

2. Il-Kummissjoni tista' testendi il-perjodu ta' transizzjoni fuq it-talba ta' Stat Membru.

#### L-Artikolu 12

1. Jekk ikunu qed jgħaddu l-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 11 lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom, fuq it-talba tal-Kummissjoni, jagħmlu mod illi jgħadduhom f'format addattat għall-NACE Rev. 1.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-informazzjoni rikjesta fl-iskedi ta' korrelazzjoni illi jintużaw għall-din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawn l-iskedi ta' korrelazzjoni.

#### L-Artikolu 13

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-iskeda ta' korrelazzjoni bejn l-NACE korrenti u l-NACE Rev.1 fiż-żmien is-sitt xhur ta' wara id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### L-Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum minn meta jkun ġie ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

---

L-ANNESS

**Klassifikazzjonijiet**

NACE Rev. 1

Dan l-Anness ġie mibdul bir-Regolament tal-Kummissjoni 29/2002, ĠU L 6, 10.1.2002, p. 3.

---